Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat

(Parti bil-miktub)

L-Erbgħa, 29 ta' Diċembru, 2004

**(It-tweġibiet iridu jkunu kollha bil-Malti. Il-ħin massimu biex wieħed iwieġeb kemm għal parti A kif ukoll għal parti B hu ta' tlett siegħat.)**

**Parti A**

Irrispondi tlieta biss minn dawn li ġejjin billi tabbozza:

1. Nota ta' eċċezzjonijiet (inkluzi l-listi tax-xhieda u tad-dokumenti), id-dikjarazzjoni ġuramentata, u kontro-talba f'kawża fejn il-klient tiegħek ġie mħarrek mill-attur għas-somma ta' sebat elef lira rappreżentanti danni allegatament sofferti mill-attur fil-vettura tiegħu b'riżultat ta' inċident awtomobilistiku li fih kien involut il-klient tiegħek bil-vettura tiegħu.

2. Rikors għall-ħruġ ta' mandat *in factum* kontra AB wara li l-klient tiegħek kiseb sentenza mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, sussegwentement konfermata mill-Qorti ta' l-Appell, li biha l-imsemmi AB ġie ordnat iħott ħajt li huwa kien bena fuq il-proprjeta` tal-klient tiegħek.

3. Rikors ta' appell, motivat tajjeb, minn digriet interlokutorju mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

4. Rikors għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest fil-pendenza ta' proċeduri kriminali li ttieħdu kontra l-klient tiegħek (li hu ċittadin minn Sri Lanka u li kien Malta fuq bastiment merkantili meta allegatament ipprova joqtol membru ieħor tal-ekwipaġġ tal-istess bastiment) meta l-atti jiet tal-kumpilazzjoni jinsabu rinvjati għand l-Avukat Ġenerali.

5. Rikors għall-ħruġ ta' kontro-mandat fir-rigward ta' mandat ta' inibizzjoni li nħareġ kontra l-klienta tiegħek biex hija tinżamm milli tieħu it-tifel tagħha minuri barra minn Malta.

6. Rikors f'isem il-klient tiegħek sabiex digriet tal-Pontefiċi Ruman *super matrimonio rato et non consummato* jiġi reġistrat għall-finijiet u effetti kollha ċivili.

**Parti B**

Irrispondi waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem bis-"sigriet professjonali" ta' avukat? Dan is-sigriet għandu xi limiti? X'inhi d-differenza bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalita`"? (Agħti eżempji).

2. Ditta ta' avukati tixtieq ixxandar avviż fil-*media* dwar il-prattika professjonali tagħha. Indika liema huma r-regoli li jirregolaw ix-xandir ta' avviżi simili skond il-Kodiċi ta' Etika ta' l-Avukati, kif ukoll ir-rwol li għandha l-Kamra ta' l-Avukati f'din il-materja

3. Persuna tista' tippreżenta ilment kontra avukat quddiem il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għal allegat ksur tal-Kodiċi li jirregola l-etika professjonali. Semmi (a) id-drittijiet li jgawdi minn jippreżenta tali ilment, u (b) id-drittijiet li jgawdi l-avukat li kontrih isir l-ilment waqt is-smigħ quddiem il-Kumitat għall-Avukati kif ukoll fl-istadju ta' l-appell.